# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Edwina Grima**

**Appell Numru: 109/2016**

Il-Pulizija

vs

**Matthew Mifsud**

iben Joseph, imwieled Pieta', fid-29 ta' Marzu, 1985, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 198985(M)

Illum, 31 ta' Lulju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Matthew Mifsud quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fit-23 ta' Novembru 2012 ghall-habta ta' 21:00hrs gewwa House No.1 Area 13, Triq Hans Stumme, San Giljan;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara involontarja ta' 100 Euros, ghad-dannu ta' Aronne La-Ferla, u Genoveffa La-Ferla;

2. U aktar talli li fix-xahar ta' Novembru 2012 u xhur ta' wara bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu bena travu tal-konkos fuq il-bejt ghad-dannu ta' Aronne La-Ferla u Genoveffa La-Ferla;

3. U aktar talli fit-23/11/2012 minghajr hsieb li jaghmel reat iehor, dahal fil-propjeta ta' Aronne La-Ferla u Genoveffa La-Ferla, wara li gie imwissi li m'ghandux jidhol jew dahal bil-mohbi taghhom, jew bi skuza falza jew b'qerq iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Frar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 85, 328, 339(o), 377 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Matthew Mifsud hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena tal-multa fis-somma komplessiva ta' hames mitt (€500) ewro.

Peress illi s-sinjuri La Ferla sofrew spoll, ordnat wkoll lill-hati Matthew Mifsud sabiex fi zmien tlett xhur jezegwixxi x-xoghol li hu mehtieg sabiex inehhi kull illegalita`/spoll li huwa ghamel u li a bazi taghha huwa nstab hati skond it-tieni imputazzjoni – ossia jassigura li s-sinjuri La Ferla jitqeghdu ghal kollox fl-istat ta` qabel ma batew l-ispoll. Din l-ordni saret bis-sahha ta` l-Artikolu 377(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta u f'kaz li l-hati jonqos li jhares tali ordni, huwa jehel ammenda ta` €10 ghal kull jum ta` nuqqas.

In oltre, l-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, ordnat lill-hati Matthew Mifsud ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €1230.54 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` l-espert AIC Valerio Schembri. Konsegwentement ordnat li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Matthew Mifsud minnu pprezentat fis-7 ta' Marzu, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tikkancella is-sentenza u tillibera lill-appellant minn kull htija.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

> Il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt b'mod ragonevoli u legali tasal ghas-sejbin ta' htija ta' l-appellant u dan fl-ebda wahda minn l-imputazzjonijiet li huwa gie mixli bihom;
>
> Fuq l-ewwel imputazzjoni:
>
> Illi sabiex il-prosekuzzjoni tipprova din l-hsara ta' mitt (100) euro ressqet lill-kwerelant li xehed li meta 'l-bini wasal fil-livell tal-turretta, nghid li ghamel cangun fuq it-turretta u ghamel ix-sheeting ta' l-injam u ghamel ic-cnagen biex ma johrogx il-konkos il-barra. …. Nghid li jien gibt stima tal-hsarat li soffrejt u qalli li hemm mitt Ewro spejjes fis-saqaf'.

Bint il-kwerelant, Julie Komall xehdet li kienet telghet fuq il-bejt u sabet cnagen u njam skond ritratt esebietTghid ukoll li l-appellant ghamel hsara fil-membrane. Sabiex tissustanzja dan hija esebiet rapport tal-perit Edwin Mintoff (Dok JK 270307) liema rapport jghid '…….the newly laid membrane has been heavily damaged and has to be relayed'.;

Hija esebit ukoll l-istima tal-hsarat li ghaliha kien ghamel referenza l-kwerelant liema stima tghid li sabiex issir ix-xoghol u il-'water proofing membrane' it-total kien ta' mitt euro (€100). Tajjeb li jinghat li din l-istima igib id-data ta' 17 ta' Ottubru 2012.

Gie esebiet ukoll r-rapport tal-Pulzija li jghid li l-kwerelanta fit-23 ta' Novembru 2012 fil-11:15pm irraportat li fid-9:00pm li xi persuni kienu qabzu fuq il-bejt tal-propjeta tal-genituri taghha u sehh xi hsara fuq l-imsemmija residenza. Jidher li kienet irraportat li kienu tpoggew xi tlett cnagen li kienu qeghdin izommu x'injam u fallakka fuq il-membrane li hemm fuq is-saqaf tal-kamra tal-bejt. Il-kwerelanta tghid li dakinhar ma kienetx tafx jekk sarx xi hsara fuq l-imsemmija membraine' .

Dan l-istess rapport jghid li mbaghad fl-4 ta' Dicembru 2012, il-kwerelanta regghet irrapurtat li fit-28 ta' Novembru 2012 hi kienet telghat fuq is-saqaf tal-kamra tal-bejt u hemm sabet hajt mibni fuq il-hajt tal-kamra tal-bejt u li bicca minn dan il-hajt qabez ghal fuq s-saqaf tal-propjeta taghha.

In kontro ezami l-kwerelant, sid il-propjeta Aaronne Laferla jghid li 'li dak li tela kien fuq il-briks tas-saqaf u jista jistrieh u jikkawza hsara. Hsara hemm mitt euro tal-membrane. Ma jidhirx li hemm hsarat ohrajn u nghid li ma tajtx kax u ma nafx.

L-imputat fuq il-kwistjoni ghazel li jixhed u qal li 'sakemm kont qed nibni qatt ma gie hadd u qalli li ghamilt xi hsara. nghid li kien biss fil-Qorti li qam il-punt li saret il-hsara. Jien nikkonferma li ma ghamiltx hsara fil-membrane kif qed jallegaw ix-xhieda tal-kwerelanti. Jien nikkonferma li vverifikajt u hsara ma hemmx'. Sostna li sabiex jaghmel x-shuttering tal-konkos kien ghamel xi knaten anke fuq il-bejt tal-kwerelanti li tnehhew filghodu. 'Sa l-ghada kont nehhejt kollox u anke knist'….. nghid li minhabba fihom kienu gew anke l-Pulizija u waqqfuni milli naghti l-konkos.….. Nghid li jien meta ghamilt tali knaten fuq il-bejt tal-kwerelanti hadt il-kawtela necessarja biex ma ssirx hsara'.

Illi l-perit tekniku Valerio Schembri irrelata fuq l-ewwel imputazzjoni u fil-fehma tieghu huwa qal dan li gej:

'Dok JK 270308 innifsu huwa kopja ta' stima mahruga minn WP ltd. liema kopja in prima linea la hija awtentifikata u lanqas mahlufa bil-gurament minn min harigha. Wiehed ghal kull bwon fini jistenna li prova bhal din kellha se mai tingieb fil-forma originali taghha (ferm ahjar kieku fuq letter ta' l-istess socjeta li proponiet ix-xoghol in kwistjoni) u tinhalef bil-gurament minn rapprezentant awtorizzat ta' l-istess socjeta jew quddiem l-Onorabbli Qorti jew quddiem l-esponenti. Il-membrane in kwistjoni jidher fuq

id-diversi ritratti esebiti in atti fosthom ir-ritratti Dok JK 270301 A u B esbieti mill-istess Kiomall u gie ezaminat mill-esponenti in situ u dan qed jigi muri f'dok STJ 02 u STJ 03 annessi mar-relazzjoni odjerna. L-istess allegata hsara tissemma fi-rapport peritali tal-kollega Dr. Edwin Mintoff esebitt dok Rl 290101. L-imputat minn naha tieghu meta jixhed quddiem l-esponenti jichad li hemm hsara fil-membrane in kwistjoni.

L-esponent jirrizultatlu illi ghalkemm huwa minnu li l-membrane in kwistjoni thammeg bil-konkos li sar mill-imputat, haga li ma tixraqx u setghet giet evitata bi ftit kwatela minn naha ta' l-istess imputat, ma jidhirx li hemm il-htiega li dan l-istess membrane jinqala' u jerga jitqieghed mill-gdid ghaliex hsara bhal tqattiegh jew diffetti simili ma gewx ikkonstatati fih.

Tirrizulta pero hsara fil-forma ta' qsiem jew konsenturi hfief fis-saqaf tat-turetta liema hsarat sfortunatament ma jidhrux cari fuq Dok STJ 04 mehud in situ mill-esponenti. Tali hsara pero tidher fuq Dok JK 270306 B esebitt minn Julie Klomall u fil-fatt giet ikkonstatat in situ. Sabiex tissewwa l-istess hsara jenhtieg jinqala' l-kisi li xpakka, jitraqqa' bis-sengha u jerga' jinzebah l-istess saqaf. Hija l-umli ipinjoni ta' l-esponenti illi tenut kont l-gholi tas-saqaf in kwistjoni hemm bzonn spiza ta' circa mitejn Ewro (€200) sabiex tissewwa l-istess hsara u jinzebagh is-saqaf mill-gdid'. Fuq l-iskorta ta' din il-konkuzzjoni l-Qorti tal-Magistrati iddecidiet li l-imputat ikkawza hsara involontarja.

Illi bir-rispett kollu lejn il-perit u aktar lejn l-ewwel Qorti, din l-imputazzjoni ma kienitx tirrigwardja hsara fix-xquq tas-saqaf. L-imputazzjoni kienet diretta lejn hsara li allegatament kienet saret fil-membrane liema hsara kif gie ikkonstata mil-perit tekniku ma kienitx tezisiti. Tant hu hekk li din l-imputazzjoni igorr data u hin specifiku maghha kif ukoll valur ta' hsara specifiku. L-imputazzjoni inkwistjoni inharget peress li l-kwerelant allega hsara ta' €100 fil-membrane tas-saqaf tat-turetta tieghu kif korroborat bl-istima li ipprovda, u mir-rapport tal-perit tieghu Edwin Mintoff li bir-rispett kollu kemm l-istima kif ukoll dan ir-rapport ma gewx ikkonfermati bil-gurament minn min ghamilhom. Jekk it-turetta in kwistjoni grala hsara fis-saqaf taghha hija ghal fini ta' din l-imputazzjoni irrilevanti. Minn dak li hareg mill-provi jidher car li l-kwerelant kien qieghed jixhed fuq hsara konessi mal-membrane u xejn aktar. In kontro ezami filfatt jghida cara u tonda li 'li dak li tela kien fuq il-briks tas-saqaf u jista' jistrieh u jikkawza hsara. Hsara hemm mitt ewro tal-membrane. Ma jidhirx li hemm hsarat ohrajn u nghid li ma tajtx kax u ma nafx. Ghalhekk huwa kien qieghed jitkellem fil-passat ghal fini ta' hsara fil-membrane u fil-futur ghal fini ta' xi konsenturi li jistghu johrogu jekk il-bini jew f'dan il-kaz is-saqaf jistrih. L-istess Julie Komall ikkonfermat dan meta qalet li meta telet fuq il-bejt, sabet cnagen u njam u li l-appellant ghamel hsara fil-membrane;

Illi legalment il-perit tekniku kellu jirrellata biss fuq jekk il-membrane giex mitifes u l-Qorti legalment ukoll kellha toqghod biss fuq il-konkluzjoni li l-membrane ma kellu l-ebda tqattih jew difetti. Hsarat ohrajn li allegatament setghu graw, ma grawx fid-data ta' l-imputazzjoni ossija fit-23 ta' Novembru 2012 ghall-habta tad-9:00pm u ghalhekk il-Qorti ma setghet qatt b'mod legali u ragjonevoli tasal ghas-sejbin ta' htija ta' l-appellant fuq din l-ewwel imputazzjoni.

Fuq it-tieni imputazzjoni:

Il-pulizija akkuzat l-appellant talli fix-xahar ta' Novembru 2012 u xhur ta' wara bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita dritt li tippretendi lilek bnejt travu tal-konkos fuq il-bejt ghad-dannu ta' Aronne La Ferla u Genoveffa La-Ferla; L-appellant b'din l-imputazzjoni fehem li huwa kien qieghed jigi akkuzat talli fix-xahar ta Novembru 2012 u xhur wara ha il-ligi b'idejh u bena travu tal-konkos fuq il-bejt ghad-dannu tal-girien tieghu l-konjugi Laferla.

Illi pero qabel xejn l-perjodu taz-zmien li gie allegat dan ir-reat huwa fil-kamp kriminali insostennibli stante li l-pulizija ma tista' qatt takkuza persuna jekk mhux b'mod retrospettiv. Dan qieghed jintqal ghax il-Pulizija akkuzat lill-appellant talli fix-xahar ta' Novembru 2012 u xhur wara. Fid-dawl ta' dan, l-appellant jissottometti li l-perjodu ta' zmien li din l-imputazzjoni tista' legalment tkopri huwa biss ix-xahar ta' Novembru 2012. U minghajr tlaqliq u qabel wiehed jidhol fil-mertu tal-kaz, l-appellant jissottometti li ma ngabet l-ebda prova li dan it-travu sar fix-xahar ta' Novembru 2012. Tant hu hekk li dan il-punt gie studjat ukoll mill-perit tekniku li rrileva li ghalkemm l-kwerelant fix-xhieda tieghu spjega tajjeb il-lanjanza tieghu ma ghamilx referenza ghal data jew zmien specifiku. Il-perit imbaghad pero erronjament jaghamel referenza ghar-rapport tal-Perit Edwin Mintoff u minn dan ir-rapport il-perit tekniku hass li d-data giet ippruvata. Kif diga intqal dan ir-rapport huwa inammissibli bhala prova peress li ma giex ikkonfermat bil-gurament mill-Perit Edwin Mintoff ghax il-Perit Mintoff lanqas biss xehed f'dawn il-proceduri.

Illi apparti dan, anke jekk biss ghal grazzja ta' l-argument, dan ir-rapport kellu jigi ikkunsidrat bhala prova, ghax dan ir-rapport igib id-data ta' l-10 ta' Dicembru 2012, ma iffissirx li t-travu sar fix-xahar ta' Novembru. Seta' facilment dan it-travu tpogga fix-xahar ta' Dicembru u ghalhekk fuori mill-parametri tac-citazzjoni in kwistjoni. Isegwi ghalhekk li fid-data ta' l-imputazzjoni, ma ingabitx il-prova li l-appellant ghamel xi travu ghad-dannu tal-kwerelanti.

Illi minghajr pregudizzju ghal dan, fuq il-mertu tressqu s-segwenti provi;

Sar access fuq il-post fejn giet spjegata l-lanjanza tal-kwerelant u l-pozizzjoni ta' l-appellant. F'access kien gie ivverbalizat li l-imputat jghid li hu tella fuq il-hajt sottostanti tad-disgha pulzieri. Il-kwerelanti jghidu li dan il-hajt il-gdid telgha in parti fuq il-bejt taghhom. Fix-xhieda tieghu il-kwerelant jixhed li hu ghamel il-hadid biex ma jtellax ghal hemm skond hu kien propjeta privata tieghu. In kontro ezami, l-kwerelant qal li l-appellant kien qallu li l-Perit tieghu Henry Attard qallu biex jibni u hu kien oggezzjona mal-Mepa. Jghid li l-MEPA kienu  injorawh. L-kwerelant jibqa isostni li hu ghamel il-hadid fuq il-hajt tieghu u li l-appellant ma jistax jibni. It-turetta hija tieghu u ukoll hu ma jistax jibni fuqha u li l-hajt ma hux komuni pero huwa tieghu.

Illi l-perit tal-fiducja tal-kwerelant xehed li 'fuq it-tromba kien hemm dhul ta' mil-lanqas tlett pulzieri ghal fuq il-bejt tal-klijenti tieghi' u esebixxa Dok JS 290101 li huwa rapport redatt minnu. Prattikament f'dan ir-rapport jghid li '… the owner of house 2 has constructed a concrete beam (230mm wide and 3000 in length) which enroaches onto the roof of the property in caption….. '. Fil-kontro ezami imbaghad l-perit jikkoncedi li fuq il-kwistjoni kien hemm appell quddiem il-Mepa u dan l-appell gie michud. Jacqueline Vassallo, tixhed li 'minn fuq il-bejt rajt li l-imputat dahal erba centimetri l-gewwa ghal fuq il-propjeta tal-ġenituri tieghi'; L-appellant xehed fuq il-kwistjoni. Huwa spjega li dan ma kien travu xejn izda huwa kien ghamel ilqugh tal-konkos u cioe tas-saqaf li hu mibni fuq il-hajt divisorju bejnu u bejn il-kwerelanti. Stqarr li 's-saqaf tat-turretta tal-kwerelanti jistrieh fuq il-hajt divisorju bejni u bejn il-kwerellanti. Nghid li dan huwa hajt tal-gebel, tad-disgha (9) pulzieri u dan ghal zewg sulari shah. Nghid li biex isir l-ingall saret gebla tas-sitta u din tinsab fil-livell tas-saqaf tat-turetta tal-kwerellanti. Nghid li b'hekk hemm dik iddiskrepanza ta' tlett (3) pulzieri fir-rigward'. Huwa offra li jispjega insitu kif il-hajt tat-tromba huwa tad-disgha (9) pulzieri. It-tezi ta' l-imputat appellant giet ikkonfermata mill-perit tieghu Henry Attard. Il-perit stqarr: 'Fir-rigward tat-turretta nghid li l-hajt ta' l-appogg sal-livell tas-saqaf kien u ghadu hajt tad-disgha pulzier u l-lqugh tal-kontro-bejt kien ta' cirka sitta jew sebgha pulzieri. Nghid li ahna li ghamilna kien zammejna l-wicc ta' fuq in-naha taghna u mic-cinta ta' l-iqugh l-fuq ghamilna hajt tad-disgha fuq idivizorju. Nghid li sar travu bil-konkos fejn kien hemm l-ilqugh tas-sitta'. Mistoqsi giex enforcement officer iwaqqafni nghid li le'. In difisa xehed ukoll Oliver Magro bhala rapprezentant tal-Mepa li qal li fuq is-sit ma hemm l-ebda enforcement notice u li x-xoghol li hemm illum huwa kopert millpermessi necessarji u dan wara li kien hemm diversi objections.

Illi l-perit tekniku Valerio Schembri wara li ikkunsidra ix-xhiedha hawn fuq imsemmija, ghamel dawn il-kunsiderazzjonjiet li gejjin;

- li skond ir-ritratt anness mar-rapport peritali ta' Dr. Edwin MItoff (Dok JK 270307) jirrizulta li l-kwerelanti La Ferla kienu ghamlu l-membrane mal-bejt kollhu anke fuq il-filata ta' l-appromorta, ergo l-ispazju zghir kemm hu zghir li wara gie okkupat mit-travu jew suletta li ghamel l-imputat kienu qed igawduh l-istess kwerelanti.
- Il-perit jghid ukoll li galadarba sar it-travu hekk kif jidher fuq photo 2 anness ma Dok JK 270307 parti mill-ispazju li kienu jgawdu minnha l-istess kwerellanti issa ntifel. Il-perit jenfasizza li 'isegwi ghaldaqstant illi meta sar it-travu mill-imputat ilkwerellanti La Ferla tilfu kwalunkw uzu jekk se mai kien hemm ta' bicca mill-istess bejt fil-wisa ta' cirka tlett pulzieri ghat-tul tat-travu;
- li l-kwerelant kien ghamel oppozzizjoni ma l-appellant;
- l-imputat appellanti ma cahadx li huwa ghamel ix-xoghol in kwistjoni anzi jispjega kif ghamel it-travu ohxon disgha pulzieri li skond hu jigi fuq il-hajt ta' divisorju li hu ta' l-istess hxuna u b'hekk saru t-tlett pulzieri fuq il-bejt in kwistjoni hekk kif jidher fid-diversi ritratti msemmija fis-suespost;
- li l-artikolu 414 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

Kull koproprjetarju jista' jgholli l-hajt komuni, izda ghandu jhallas l-ispejjes mehtiega -

(a) ghat-titligh tal-hajt;
(b) biex tinzamm fi stat tajjeb ta' tiswija l-bicca li taqbes il-gholi tal-hajt komuni;
(c) biex isiru dawk ix-xogholijiet li jkunu mehtiega sabiex jerfghu l-piz li jzdied bit-titligh tal-hajt, b'mod li l-hajt jibqa' qawwi xorta wahda

Wara dawn il-kunsiderazzjonijiet il-perit tekniku Valerio Schembri ikkonkluda li: Jidher ghaldaqstant illi dak li ghamel l-imputat meta tella l-hajt in kwistjoni ma kisirx il-klawsola relevanti msemmija fis-suespost dan salv ghall-hsarat zghar li ssemmew fis-suespost li fil-veru fatt ma humiex fil-hajt divizorju pero fis-saqaf tat-turretta tal-fond tal-kwerellanti Laferla.

L-appellant allura jistaqsi, ghalfejn instab hati ta' din l-imputazzjoni? Ma issegwiex allura is-sejbien ta' htija ta' l-appellant jekk mill-provi jirrizulta bic-car li l-imputat appellant kellu dritt jibni fuq dan il-hajt divizorju.

Illi jekk wiehed jara r-ragunament ta' l-ewwel Qorti, tali ragunament u interpretazzjoni tal-fatti huma kontradittorju ghall-ahhar u ma jaghmel l-ebda sens. Dan qieghed jintqal mhux b'disrispett lejn l-ewwel Qorti izda peress li l-Qorti tal-Magistrati irrilevat li fir-rapport tal-perit tekniku ma hemm xejn x'ticcensura fih u li ma hemm xejn fl-atti li ghandu jwaqqaf lil din il-Qorti milli toghqod fuq il-konkluzjonjiet tal-espert minnha nominat. Pero fl-istess hin, imbaghad din l-istess Qorti skartat kompletament il-konkluzzjoni tal-perit u ma qadietx fuqhom ghax iddikjarat li l-imputat kellu ikun passibbli ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dan peress li irrizulta sodisfacentement li l-imputat dahal fi propjeta ta' haddiehor bi ksur ta' l-artikolu 85 tal-Kap 9. L-appellant jistaqsi kif setghet b'mod ragonevoli l-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni?

Illi mill-banda l-ohra lanqas b'mod legali l-Qorti ma setghet issib htija. L-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali jgħid: -

85. (1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li għandu, igiegħel, bl-awtorita tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejgu, jew iħott bini, jew jikser il- mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-ligi, jindaħal fi ħwejjeg ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur: Izda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il- piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.

Il-fonti ispiranti l-liġi Maltija huwa l-Artikolu 168 tal-Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie. Dan l-Artikolu fil-fatt jippreskrivi r- reat bħala vie di fatto u jsegwi: -

Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l'esercizio di un preteso diritto, obblighi altri al pagamento di un debito, o alla soddisfazione di un'obbligazione qualunque, o disturbi un'altrui possesso, demolisca

fabbricati, devii acque e simili, e’ punito col primo al secondo grado di prigionia, salve le pene maggiori nel case di un reato per se stesso maggiore.

Dan l-Artikolu 85 huwa pratikament identiku għal dak li kien viġenti fil-Leggi Penali del Codice pel Regno delle Due Sicilie. Dan ifisser li l-interpretazzjoni li trid tingħata trid tkun konsoni ma’ dan it-test tal-Liġi Borbonika.

Illi fil-kawża f’ismijiet ‘Il-Pulizija versus Eileen Said’ intqal : -

Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta’ “ragion fattasi” jew dak li jissejjah “the exercise of a pretended right”. Illi din l-azzjoni bazata fuq l- Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta hija speci ta’ zona grigja bejn il- kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir- rigward li :- “It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages.....”

Minn qari tal-każijiet li jittrattaw dan is-suġġett il-Qrati taghna ħadnu l-interpretazzjoni ta’ dan l-Artikolu b’mod konsoni ma dak mistqarr mill-Awturi dwar il-Kodiċi Borboniku, kif ukoll interpretaw dan l-Artikolu fl-ambitu aktar wiesa’ tali nsenjament tal- Carrara, li kien qiegħed jikkummenta fuq il-Kodiċi tar-Renju tal-Italja (il- Kodiċi Sabaudo) u dan peress li għalkemm ma hemmx l-identiċita tal-kliem f’dawn il-Liġijiet, hemm żgur somiljanza wisq kbira bejniethom fir-rigward talelementi prinċipali tar-reat de quo.

Illi fil-fatt il-Qorti Maltin kemm f’sentenzi qodma bħal dik mogħtija mill-Imhallef W. Harding fil-każ Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et, kif ukoll f’sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża Il-Pulizija vs Anthony Zahra, dejjem sostnew li l-element ta’ dan l-arikolu huma dawk li skond il-Carrara jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta’ dik il-persuna ;
b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b’idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;
d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f’reat aktar gravi ;

Iżda l-Qrati abbraċċjaw ukoll l-interpretazzjoni t’awturi oħra, b’mod speċifiku dawk li jikkummentaw fuq il-Kodiċi Borboniku u komplew jelaboraw fuq l-interpretazzjoni ta’ reat ta’ ragion fattasi. Fil-fatt illum il-gurnata huwa car li sabiex jissussiti ir-reat ta’ ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-pussess ta’ fond jew jedd, ikun xi jkun dak il-pussess, iżda l-istatus quo irid jigi abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali tal-aġent minflok ma rrikorra għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja. B’hekk irid jigi ippruvat li si e’ fatto arbitariamente ragione u mhux sempliċiment si e’ fatto ragione da se’.

Illi f'dan il-kaz l-Qorti bir-rispett kollu ma fehmitx dak li kien l-istatus quo ta' din il-kawza u jekk allura l-pussess reklamat mill-kwerelant kienx wieħed attwali fis-sens hawn fuq deskritt. Jigi umilment sottomess, li hajt divizorju ma jista qatt jigi ipposeddut minn persuna wahda u dan peress li fin-natura tieghu stess hajt divizorju jista jigi res komuni minghajr l-kunsens tal-parti l-ohra. Meta persuna tkun trid tuza hajt divizorju hija ghandha dritt taghmel dan minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra u din ta' l-ahhar ikollha biss dritt ta' kumpens u mhux dritt li twaqqaf lill-dak li jkun milli jaghmel uzu minn dan il-hajt. Illi dan johrog car mis-sentenza fl-ismijiet *Refalo* v *Rapa* fejn il-Qorti ghallmet li:

'Il-liġi ma tirrekjedix proċedura partikolari biex ħajt li jkun diġa mibni u li huwa possibbli li jsir *res* komun, jiġi effettivament *res* komun. Lanqas ma hu meħtieġ, li qabel ma persuna tirrendi ħajt komuni, tinforma 'l-propjetarju b'din l-intenzjoni. Kull min irid jirrendi ħajt in komun, kull ma għandu jagħmel hu li proprju jagħmel dak l-att fiżiku li permezz tiegħu, jirrendih in komun'

Issegwi ghalhekk li l-appellant ma kien kellux bzonn jinforma lill-kwerelanti li hu kien se jibni fuq il-hajt divizorju kif kienu qed jippretendu l-kwerelanti u dak li ghamel l-appellant ma jista' jigi qatt interpretat bhala spoll kif jidher li ghamlet l-ewwel Qorti.

Meta l-viċin jaqbad u jappoġġja jew jibni fuq dak il-ħajt biex jirrendih komuni, ma jwassal qatt għal konsegwenzi ta' spoll' għax m'hemmx dak l-ispussessament li jikkaratterizza ċirkostanzi li jwasslu biex tkun tista' ssir l-"actio spolii"

Huma numeruzi s-sentenzi f'dan is-sens. Fil-kaz Schembri v Delia il-Qorti qalet li:

'Il-ħajt f'kaz t'appoġġ, isir komuni mhux b'rimborz ta' nofs il-valur tiegħu iżda bil-fatt ta' l-appoġġ materjali. Id-dritt ta' sid il-ħajt għall-kumpens, li jinħoloq malli l-viċin ippoġġi l-bini tiegħu mal-ħajt, huwa dritt 'personali'.

Illil l-interessanti huwa ukoll l-artikolu 407 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

407. Il-ħajt li qiegħed biex jaqsam bini minn bini ieħor, jew bini minn fond ta' xorta oħra, għandu jkun ta' ħxuna ta' mhux anqas minn tmienja u tletin ċentimetru.

Illi dan l-ahhar artikolu tal-Kodici Civili jikkonforta bis-shieh it-tezi ta' l-appellant u tal-perit tieghu li l-hajt divizorju kien wiehed mibni b'gebel tad-disa' pulzieri u li l-appellant kellu kull dritt jibni fuq dan il-hajt. Il-fatt li l-kwerelanti kienu ghamlu filata jew tnejn bil-gebel tas-sitta ma iffissir li dawn it-tlett pulzieri kienu saru taghhom. Jekk dan kien il-kaz kienu il-kwerelanti stess hatja ta' ragion fatasi u spoll peress kienu huma li cahdu lill-appellant mill-uzu ta' tlett pulzieri mill-hajt divizorju. Fil-fatt l-kwerelant ma iddejjaq xejn jixhed u jghid bil-gurament b'mod sfaccat ghal l-ahhar li hu ghamel il-hadid biex l-appellant ma jibniex fuq il-hajt divizorju. Il-kwerelant ma iddejjaq xejn jixhed u jghid li hu tela' fuq il-bejt sabiex iwaqqaf lill-appellant milli jaghmel uzu mill-hajt divizorju bil-pertiza li dan il-hajt kien tieghu u li l-appellant ma kellhux jedd fuqu u meta fil-verita l-

appellant kellu l-permess kollha mehtiega sabiex jizviluppa l-proprjeta tieghu u ex legge bis-sahha ta' l-artikolu 414 tal-Kapitolu 16 kwotat aktar il-fuq huwa kellu l-jedd li juza dan il-hajt minghajr ma jirrikorri ghand l-ebda awtorita u minghajr il-kunsens tal-kwerelant.

Dan l-argument isib konfort fit-taghlim ukoll ta' Luigi Maino li fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale – Vol II pagna 388, jikkummenta u jghid li:

"Chi e' nell'attuale godimento di un bene, e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque, perche' la legge protegga lo statu quo, il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati, o per decreto dell'Autorita' guidiziale. Sarebbe ragion fattasi l'azione datata 15 ta' Ottubru 1951. dell'altro che mi impedisse di continuare quel godimento; dunque non puo' essere ragion fattasi l'azione mia, con la quale mi mantengo in quel godimento. Chi [a modo di esempio] senza spreto di una intimazione giudiziale o di una speciale inibizione dell'Autorita', faccia delle opere sui suolo di lui posseduto, sebbene possano essere contrarie al diritto del vicino e civilmente illecite non consuma delitto e in applicazione del principia teste' enunciate fu gudicato non costituire delitto di esercizio arbitrario il semplice fatto di trattenere chi voleva violare il possesso..."

Kien fuq l-ispirtu ta' dawn il-principji li aggixxiet il-*Qorti tal- Appell Kriminali fid-decizjoni taghha ta' nhar l-ghaxra ta' Jannar 1983* fl-ismijiet Il-Pulizija v Alfred Garroni.

Illi f'dan il-kaz, l-imputat u martu kienu separati *de facto*. Peress li d-dar konjugali kienet proprjeta parafernali ta' mart l-imputat, hija biddlet s-serratura tal-bieb. L-imputat sgassa l-bieb u dahal fid-dar biex jiehu l-oggetti tieghu. Bdew proceduri kriminali kontrih billi gie allegat li meta sgassa l-bieb, ikkommetta r-reat ta' ragion fattasi. L- ewwel Qorti argumentat li billi ghamel hekk l-imputat, ma kienx hati ta' dan r-reat u dan peress li ghamel dak li kellu dritt jaghmel. Il-prosekuzjoni appellat minn din s- sentenza. Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell filwaqt li cahdet l-argumenti tal-prosekuzzjoni, iddikjarat:

"Li l-appellant ghalhekk, fuq l-bazi tal-ligijiet civili tal-pajjiz u senjatament minhabba li hu f'dan il-kaz l-enfitewta kif wkoll l-kap tal-komunjoni tal-akkwisti u tenut kont li d-dar in kwistjoni hija d-dar konjugali, mhux biss ma kisirx l-ligi meta qabad u sgassa, izda ddefenda d-drittijiet tieghu meta martu usurpathomlu b'mod li ebda ligi ma tista tikkundanna. Ikun assurd li din il-Qorti tinjora d- dispozizzjonijiet kollha tal-ligi civili in materja...

Illi ghaldaqstant l-appellant la darba ma kellux bzonn il-kunsens tal-kwerelant sabiex jibni fuq il-hajt divizorju, ladarba kien id-dritt civili tieghu li jibni u jaghmel tieghu il-hajt divizorju, l-appellant ma ikkommeta l-ebda tfixkil fil-pussess tal-propjeta tal-kwerelanti u ma seta' qatt jinstab hati tar-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9. Anzi jekk kien hemm xi hadd li f'dan il-kaz ikkometta r-reat taht l-Artikolu 85 kien il-kwerelant

stess Arone Laferla li ghamel il-hadid u prova jaghmel minn kollox sabiex l-appellant ma jibniex fuq l-hajt divizorju ghax pretenda li dan il-hajt kien tieghu.

Fuq it-tielet imputazzjoni:

Illi l-appellant gie akkuzat ukoll fit-23 ta' Novembru 2012 minghajr hsieb li jaghmel reat iehor, dahal fil-propjeta ta' Aronne La-Ferla u Genoveffa La-Ferla u dan wara li gie imwissi li ma'ghandux jidhol jew dhalt bil-mohbi taghhom, jew bi skuza falza jew b'qerq iehor;

Rigward din l-imputazzjoni l-appellant ammetta li hu nizel fuq t-turetta ta' l-kwerelanti sabiex jiknes u x-xoghol kollu li hu ghamel ghamlu minn fuq in-naha tieghu. L-appellant ftit ghandu xi jghid fuq din ghajr li hu ma nizilx jiknes dakinhar tat-23 ta' Novembru 2012 ossija dakinhar li rawh l-kwerelanti fuq bejt. Fil-fatt meta Aaron Laferla u bintu telghu fuq il-bejt qatt ma qalu li rawh fuq il-bejt. Limputat appellanti mil-banda l-ohra jghid li dan is-shuttering tnehha sa l-10:00am.

Ovjament jekk sar xi knus dan sar wara ergo l-ghada l-24 ta' Novembru 2012. Ghalhekk ma irrizultax mill-provi li l-appellant b'xi mod nizel fuq il-propjeta talkwerelanti fid-data ta' l-imputazzjoni.

Illi dato ma non concessio li l-appellant nizel fuq il-bejt tal-kwerelanti fit-23 ta' Novembru 2012 huwa nizel mhux b'intenzjoni hazina izda biss sabiex inaddaf u nehhi l-ftit trab li huwa kien ghamel wara li lesta x-xoghol tieghu. Zgur u ma hux forsi li l-ligi kriminali ma hiex hemm sabiex tippenaliza dan it-tip ta' agir u intenzjoni.

Ghaldaqstant l-appellant ihoss li l-anqas ma kellux jinstab hati ta' din limputazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant iressaq ilmenti diretti lejn it-tlett akkuzi li dwarhom l-Ewwel Qorti sabitu hati u cioe' dawk tar-reat tal-hsara involontarja, 'l hekk imsejjah reat tar-*ragion fattasi* u finalment dwar dak kontravvenzjonali ravvizat fl-artikolu 339(o) tal-Kodici Kriminali. Jidher illi l-isfond

ghal kwerela imressqa ‘il quddiem mill-parti leza issib il-qafas tieghu fix-xoghol ta’ kostruzzjoni li kien qed isir mill-appellant fil-fond biswit dak tal-parti leza.

Ibda biex il-kwerelant ilmenta minn hsarat li saru fil-*membrane* tat-turretta tieghu, liema hsara giet stmata minnu ghal-valur ta’ €100. Issa jirrizulta mill-atti illi l-perit arkitett nominat mill-Ewwel Qorti, il-Perit Valerio Schembri ma irriskontrax hsara f’dan il-*water proofing membrane* hlief ghal xi hmieg fil-konkos li sar fil-kors tal-kostruzzjoni, izda irriskontra hsara ohra konsistenti fi qsiem u konsenturi hfief fis-saqaf tat-turretta li t-tiswija tal-istess giet minnu stamat fl-ammont ta’ €200. Illi l-appellant ghalhekk huwa tal-fehma illi l-Ewwel Qorti malament sabitu hati ta’ din l-ewwel imputazzjoni u dan ghaliex il-hsara li dwarha saret il-kwerela ma kienx hemm, u li dik il-hsara riskontrata mill-espert tal-Qorti ma kenitx allura tifforma l-mertu ta’ din il-kawza. Fil-fehma tieghu l-espert mar lil hinn mill-inkarigu lilu moghti sabiex jirrelata jekk kienx hemm hsara fil-*membrane* o meno kif irrappurtat.

Issa minn qari tac-citazzjoni jirrizulta illi fl-ewwel imputazzjoni lilu addebitata l-appellant qieghed jigi mixli bir-reat tal-hsara involontarja *ut sic*. Illi mill-provi prodotti u b’mod specjali mir-rapport tal-espert tekniku nominat mill-Qorti jirrizulta illi fil-fatt kien hemm din il-hsara, ghalkemm mhux dik indikata mill-parti leza, billi x’aktarx ma kienx induna biha, izda madanakollu huwa indubitat illi bix-xogolijiet ta’ kostruzzjoni intraprizi minnu l-appellant ikkaguna il-hsara li dwarha huwa jinsab mixli u ghalhekk irid iwiegeb ghaliha. Mhux biss izda jirrizulta mir-rapport ta’l-istess espert illi fil-fatt din il-hsara tidher fid-dokument JK270306B esebiet mix-xhud tal-prosekuzzjoni Julie Kiomall, liema hsara il-perit fil-fatt ikkonstatha *in situ*. Kwindi huwa indubitat illi l-hsara allegata mill-parti leza u kif dokumentat minnha gie ikkonstatat mill-perit tekniku u ghalhekk l-akkuza tirrizulta ippruvata. Kien ghalhekk illi l-Ewwel Qorti strahet fuq ir-rapport tal-perit tekniku u dan meta ghamlet referenza *verbatim* ghal konkluzjonijiet hemmhekk raggunti. Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi l-appellant imbaghad gie misjub hati ukoll tar-reat ta’ *ragion fattasi* u dan meta fiz-zmien indikat fl-akkuza u cioe’ ‘f’Novembru 2012 u fix-xhur ta’ wara’ huwa ghamel travu jew suletta

fuq parti mill-opramorta tal-bejt u tella' hajt biex b'hekk invada l-ispazju tal-bejt tal-parti leza b'madwar tlett pulzieri.

L-appellant iressaq zewg lanjanzi diretti lejn is-sejbien ta' htija ghal dina l-imputazzjoni billi fl-ewwel lok jilmenta illi r-reat ma sehhx fiz-zmien indikat fl-akkuza u li huwa qatt ma seta jigi akkuzat bil-kummissjoni ta' reat progettat ghal futur. Imbaghad jishaq fil-mertu illi t-travu itella' fuq il-hajt divizorju u allura ma kienx hemm dik l-invazjoni tal-proprjeta kif jishaq il-kwerelant billi huwa kellu dritt skont il-ligi jgholli il-hajt divizorju. Jishaq illi fil-fatt hemm kawza civili pendenti bejn il-ko-litigandi fejn l-espert hemmhekk nominat tah ragun.

Illi jibda biex jinghad illi ghalkemm jirrizulta mill-atti illi l-att kommissiv tar-reat sehh f'Novembru 2012 bir-rapport isir mal-pulizija fit-23 ta' Novembru 2012. Madanakollu l-istat antiguridiku baqa' jippersisti ukoll fix-xhur ta'wara. Ir-reat ta' *ragion fattasi*, ghalkemm inizzjat b'att pozittiv jew negattiv li iwassal ghal konsumazzjoni tieghu, madanakollu ma jistax jinghad illi dak ir-reat ghandu jitqies bhala wiehed istantanju gjaldarba l-azzjoni kriminali ma tigiex ezawrieta ghaliex il-konsumazzjoni tieghu jibqa' fis-sehh kemm il-darba l-agent b'azzjoni tieghu voluta u pozittiv ma iwaqqafx dak l-istat antiguridiku maghmul minnu biex b'hekk ir-reat jassumi karattru ta' natura permanenti u mhux iktar istantanju.

Dan ifisser allura illi z-zmien indikat fic-citazzjoni ma huwiex wiehed legalment insostenibbli tenut kont tal-fatt illi ghalkemm inizjat f' Novembru 2012, l-istat ant-guridiku baqa' ezistenti tant illi l-istess gie ikkonstatata mill-Perit Edwin Mintoff f'Dicembru ta'l-istess sena meta mir-ritratti annessi mar-rapport jidher il-hajt mibni u lest b'parti minnu jisporgi ghal fuq il-bejt tal-parti leza. Mhux biss izda mir-rapport li sar mal-pulizija jirrizulta illi kien fit-28 ta' Nvembru 2012 illi l-pati leza telghet fuq il-bejt u sabet il-hajt mibni. Ghal dawn il-motivi ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi fil-mertu imbaghad jirrizulta indubitat kif mistqarr mill-appellant stess illi huwa gholla il-hajt divizorju billi sahaq illi kellu jedd jaghmel dan skont il-ligi. Illi dan ix-xoghol ghamlu fuq il-hajt ezistenti u kwindi fil-fehma tieghu ma sehhet l-ebda intromissjoni fuq il-proprjeta tal-parti leza. Issa ghalkemm jista' jkun illi l-appellant ghandu ragun, madanakollu gjaldarba kien lilu jirrizulta

illi dik il-parti tal-hajt kienet okkupata u uzata mill-kwerelanti, huwa ma kellu l-ebda dritt jiehu l-ligi b'idejh ghaliex dehrlu li kellu jedd jaghmel dan minghajr ma jaghti pre-avviz lill-istess kwerelanti, tant illi illum hemm kawza civili pendenti bejn il-ko-litigandi sabiex ser tkun il-Qorti li tiddeciedi min minnhom ghandu dan il-jedd fuq il-proprjeta in diskussjoni. Dak li ghamel l-appellant allura jaqa' sewwasew fir-rea tta' ragion fattasi u dan ghaliex gie ritenut illi :

> "**Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak <u>intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb</u> li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq <u>il-movent</u> li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha**.[1]" (sottolijnar tal-Qorti)
>
> **"Hu irrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista Antolisei:**
>
> **"*quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisec il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico*[2]."**

Illi allura sewwa ghamlet l-Ewwel Qorti meta strahet fuq dak konkluz mill-espert taghha u dan meta gie konkluz minnu illi meta saru x-xogholijiet fuq il-hajt divizorju, l-kwerelanti konjugi La Ferla tilfu kwalunkwe uzu ta' bicca mill-bejt taghhom ta' cirka tlett pulzieri u dan immaterjalment jekk huma kellhomx o meno jedd ta' proprjeta' fuq l-istess. Dan ghaliex ir-reat ta' ragion fattasi ma jenhtiegx li jkun hemm vjolazzjoni ta' proprjeta izda biss l-usurpazzjoni ta' jedd ta' uzu u tgwadija huwa bizzejjed biex jissussisti l-istat anti guridiku. Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat,

---

[1] Il-Pulizija vs Eileen Said App.Krim 19/06/2002

[2] Il-Pulizija vs Mario Lungaro – App.Inf 15/11/1996

Jifdal ghalhekk biex jigi trattat l-ahhar aggravju imqanqal mill-appellant marbut mas-sejbien ta' htija ghall-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 339(o) tal-Kodici Kriminali liema reat jirrizulta kull meta l-awtur tieghu:

> **"għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmel reat ieħor, jidħol f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandux jidħol, jew jidħol bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor."**

Issa ghalkemm l-appellant jammetti li hu nizel fuq il-bejt proprjeta tal-parti leza minghajr ma talab il-permess taghhom preventivament, madanakollu jishaq illi huwa ma nizilx fid-data indikata fl-akkuza u ukoll illi huwa nizel sabiex jiknes u jnaddaf il-hmieg li kien inqala' minhabba x-xogholijiet minnu intraprizi. Ighid hekk fix-xiehda tieghu:

> "Nikkonferma li biex nissotjeni ix-shuttering tal-konkos, jien ghamilt xi knaten anke fuq il-bejt tal-kwerelanti. Damu hemm mit-8:00p.m. sal-10:00a.m.. Sa l-ghada jiena kont nehhejt kollox u anke knist."

Illi minn dan allura l-akkuza tirrizulta sufficjentement ippruvata billi ma hemmx dubbju illi l-appellant nizel fil-jum indikat fl-akkuza fuq il-bejt tal-kwerelanti u dan minghajr ebda permess sabiex b'hekk ix-xenarju ravvizat fl-artikolu 339(o) jirrizulta ippruvat.

Dan ifisser illi din il-Qorti ma tista' tara l-ebda mottiv li jista igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha bit-terminu ta' zmien indikat mill-Ewwel Qorti sabiex isir ix-xoghol rimedjali jibda jidekorri mil-lum.

Edwina Grima

Deputat Registratur